



## **Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-atti tal-Kunsill li jżommu l-Hamas fil-lista Ewropea tal-organizzazzjonijiet terroristiċi**

*Il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tannulla ż-żamma tal-Hamas f'din il-lista minħabba li l-Kunsill ma kienx awtentifika permezz ta' firma l-espożizzjonijiet tal-motivi individwali ta' dawn l-atti*

Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Hamas vs Il Kunsill<sup>1</sup>, il-Qorti Ġenerali kienet annullat, fil-kuntest ta' rikors għal annullament eżerċitat skont l-Artikolu 263 TFUE, erba' atti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottati fl-2018<sup>2</sup> li kienu żammew lill-Hamas fil-lista annessa mal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK. Din kienet ġiet inkluża bħala organizzazzjoni involuta f'atti terroristiċi u kienet, għalhekk, is-suġġett ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Filwaqt li ċaħdet sebġha mit-tmien motivi invokati f'dak iż-żmien mill-Hamas sabiex tikkontesta l-inklużjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali kienet annullat l-atti kkontestati, sa fejn dawn kienu jikkonċernaw lil din l-organizzazzjoni, minħabba n-nuqqas ta' awtentifikazzjoni mill-Kunsill, permezz ta' firma, tal-espożizzjonijiet tal-motivi dwar dawn l-atti, peress li dawn l-espożizzjonijiet tal-motivi jinsabu f'dokumenti separati. Il-Qorti Ġenerali rreferiet f'dan ir-rigward għar-rekwiżit ta' firma stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE kif ukoll fl-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<sup>3</sup>.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2019. Hija ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-espożizzjonijiet tal-motivi relatati maż-żamma tal-Hamas fil-listi annessi mal-atti kkontestati għandhom, bl-istess mod ta' dawn l-atti nfushom, li jinkludu motivazzjoni ġenerali, jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill. Barra minn hekk, dawn l-espożizzjonijiet tal-motivi kienu ġew adottati mill-Kunsill fl-istess waqt tal-imsemmija atti, li magħhom kienu meħmuża b'mod inseparabbli, u l-awtentiċità tagħhom ma kinitx ġiet validament ikkontestata.

### **Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

<sup>1</sup>Sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Hamas vs Il-Kunsill ([T-308/18](#)).

<sup>2</sup>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/475 tal-21 ta' Marzu 2018 li tagħgorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1426 (ĠU 2018, L 79, p. 26); Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/468 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1420 (ĠU 2018, L 79, p. 7); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1084 tat-30 ta' Lulju 2018 li tagħgorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/475 (ĠU 2018, L 194, p. 144); Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1071 tat-30 ta' Lulju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/468 (ĠU 2018, L 194, p. 23).

<sup>3</sup>Skont l-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, intitolat "l-ffirmar tal-atti": "It-test tal-atti adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill konformement mal-proċedura leġislattiva ordinarja, kif ukoll dak tal-atti adottati mill-Kunsill, għandhom jiġu ffirmati mill-President-in-Kariga fil-ħin tal-adozzjoni tagħhom u mis-Segretarju-Ġenerali. Is-Segretarju-Ġenerali jista' jiddelega s-setgħa tiegħu li jiffirma lid-Diretturi-Ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali." (Deċiżjoni 2009/937/UE tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU 2009, L 325, p. 35, rettifikasi fil-ĠU 2010, L 55, p. 83, fil-ĠU 2010, L 175, p. 38, u fil-ĠU 2017, L 44, p. 8)).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, fl-ewwel lok, li jirriżulta mis-sentenza II-Kummissjoni vs BASF <sup>4</sup>, li fuqha bbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, li l-firma miktuba bl-idejn ta' att, b'mod partikolari mill-President tal-istituzzjoni li adottatu, tikkostitwixxi mezz ta' awtentifikazzjoni tiegħu, li għandha l-għan li tiżgura ċ-ċertezza legali billi tistabbilixxi, fil-lingwi awtentiċi, it-test adottat minn din l-istituzzjoni. Tali awtentifikazzjoni tippermetti għalhekk li jiġi vverifikat, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-qbil perfett tat-testi nnotifikati jew ippubblikati mat-testi kif adottati u mar-rieda tal-awtur tagħhom. Għalkemm, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li d-dispożittiv u l-motivazzjoni ta' deċiżjoni jikkostitwixxu ħaġa waħda indiviżibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, b'differenza għad-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża tal-imsemmija sentenza, l-atti kontenzjużi jkollhom il-firma tal-President tal-istituzzjoni li adottathom, jiġifieri l-Kunsill, u tas-Segretarju Ġenerali tagħha. Barra minn hekk, dawn l-atti, kif ġew ippubblikati, jinkludu motivazzjoni ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li, fis-sentenza II-Kummissjoni vs BASF, il-kwistjoni mqajma ma kinitx dik dwar jekk it-totalità tal-motivazzjoni ta' att għandhiex tiġi awtentifikata permezz ta' firma meta parti minn din il-motivazzjoni tkun tinsab f'dokument separat, iżda, b'mod partikolari, tan-nuqqas ta' korrispondenza bejn test ta' deċiżjoni kif adottata mill-awtur tagħha u t-test tal-istess deċiżjoni kif ippubblikata u nnotifikata. Fid-dawl ta' dawn id-diversi elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet fis-sentenza II-Kummissjoni vs BASF ma jistgħux jiġu trasposti għal din il-kawża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, fit-tieni lok, il-ġurisprudenza tagħha skont liema l-atti li jipprevedu miżuri restrittivi bħalma huma l-atti kontenzjużi, huma ta' natura partikolari peress li huma simili, fl-istess ħin, għall-atti b'portata ġenerali, sa fejn huma indirizzati lil kategorija ta' destinatarij ddeterminati b'mod ġenerali u astratt, u kif ukoll sensiela ta' deċiżjonijiet individwali fir-rigward ta' dawn il-persuni u tal-entitajiet li isimhom ikun jinsab fil-listi li jinsabu fl-annessi tagħhom. Jirriżulta mir-regola stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE li l-atti kontenzjużi, li jikkostitwixxu atti mhux leġiżlattivi adottati fil-forma jew ta' regolamenti, jew ta' deċiżjonijiet li ma jindikawx destinatariju, għandhom jiġu ffirmati mill-President tal-Kunsill, sa fejn dawn huma simili għal atti ta' portata ġenerali fis-sens ta' din il-ġurisprudenza. Għall-kuntrarju, sa fejn l-atti kontenzjużi huma simili għal sensiela ta' deċiżjonijiet individwali, dawn ma humiex suġġetti għall-obbligu ta' firma, iżda biss għall-obbligu ta' notifika li jirriżulta mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2). Dan japplika għall-espożizzjonijiet tal-motivi li jakkumpanjaw l-atti kontenzjużi, kif innotifikati lill-Hamas, li ma jaqgħux taħt in-natura ġenerali ta' dawn l-atti iżda taħt l-aspett tagħhom li jixbah lil sensiela ta' deċiżjonijiet individwali. Għaldaqstant, il-President tal-Kunsill ma għandux għalfejn jiffirma, minbarra l-att li jinkludi motivazzjoni ta' natura ġenerali tal-miżuri restrittivi, l-espożizzjoni tal-motivi individwali relatati ma' tali att. Huwa biżżejjed li din l-espożizzjoni tal-motivi tkun debitament awtentifikata b'mezzi oħra.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill twassal għall-istess soluzzjoni. Peress li dan l-artikolu għandu jinqara fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rilevanti, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq il-President u s-Segretarju Ġenerali ta' din l-istituzzjoni rekwiżit ta' firma iktar strett minn dak li jirriżulta mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li tali obbligu formali ta' firma tal-espożizzjoni tal-motivi individwali ma jistax jiġi dedott mill-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE. Ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan l-obbligu ma jistgħux fil-fatt jiġu konfużi ma' dawk marbuta mal-awtentifikazzjoni ta' att tal-Unjoni, peress li l-istħarriġ tal-osservanza ta' dan l-aħħar rekwiżit jikkostitwixxi prerekwiżit għal kull stħarriġ ieħor ta' dan l-att. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk iddeċidiet li l-ewwel aggravju kien fondat u annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Peress li l-kawża hija, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fit-tielet lok, li l-Kunsill ipproduċa dokumenti li juru li l-espożizzjonijiet tal-motivi kienu ġew adottati fl-istess waqt mal-atti kontenzjużi ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill li magħhom kienu mehmuża b'mod inseparabbli u li l-Hamas ma tinvoka ebda indizju ta' natura li jikkontesta l-korrispondenza perfetta bejn it-test tal-espożizzjonijiet tal-motivi li ġew innotifikati lilha u dak adottat mill-Kunsill. Peress li l-awtentiċità ta' dawn l-espożizzjonijiet tal-motivi ma ġietx validament ikkontestata mill-Hamas, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet billi ċaħdet, fl-intier tiegħu, ir-rikors ippreżentat mill-Hamas.

<sup>4</sup>Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1994, II-Kummissjoni vs BASF et ([C-137/92 P](#)).

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*